MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 203/2006

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Lulju tas-sena 2001, u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Ottubru 2005, fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi in oltre l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi ulterjorment il-kunsens tal-partijiet kien simulat;

7. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ai fini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975;

8. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;

Ghaldaqstant, ghar-rgunijiet imsemmija, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Lulju 2001, huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975.

2. Tordna li dina n-nullita' taz-zwieg fuq imsemmija tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet li taqbel mat-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg, izda ssostni li t-tort huwa ta' l-attur u ghalhekk m' ghandhiex tbati spejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta' Lulju 2001 huwa null u bla effetti fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta mhijex qeda tikkontesta t-talba ghan-nullita' taz-zwieg, izda ssostni li ghal dan jahti l-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu u hija propensa li taghtihom affidament.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Lulju 2001 meta allura l-attur kellu 31 sena u l-konvenuta kellha 27 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin sitt snin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara ftit, ir-relazzjoni matrimonjali ddigenerat bir-rizultat li l-konvivenza bejniethom giet reza impossibbli, u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fis-26 ta' Ottubru 2005.

Illi l-attur jghid li huwa ma jemminx fiz-zwieg u kien accetta li jizzewweg lill-konvenuta unikament minhabba pressjoni li dina kellha minn naha tal-genituri taghha. Huwa jghid li hu ried li jikkoabita mal-konvenuta u xejn aktar, u li ma riedx tfal sabiex ikompli jghix il-hajja tieghu minghajr xkiel. F' dan ir-rigward l-attur huwa sostnut fil-versjoni tieghu mill-genituri tieghu li kkonfermaw li hu qatt ma ried li jkollu tfal, u anke ssib konfort fix-xhieda ta' omm il-konvenuta.

Missieru jghid: "Jiena naf bic-cert illi li darba li konna nsemmu t-tfal A kien juri bic-car illi huwa qatt ma ried tfal u fil-fatt donnu kien ihosshom ta' xkiel ….. stajt ninnota C wkoll ma rieditx illi jkollha tfal miz-zwieg taghhom."[1] Omm l-attur tghid: " .. minn dejjem kien jghidli li aktar ma jara t-

[1] Fol.18

tfal aktar kien ikun determinat li ma jkollux tfal tieghu. A dejjem baqa' bl-opinjoni li ma riedx illi jkollu tfal u dan anke matul iz-zwieg."[2] Ommu tghid ukoll li hi u zewga "koppja mexxejja tal-kors ta' Kana tat-thejjija ghaz-zwieg u ghalhekk certu affarijiet inhoss li stajt ninnutahom aktar."[3] Rigward ir-relazzjoni ta bejn il-partijiet, ommu tghid: "jiena dejjem kont ninnota li bejniethom ma kienx hemm dik l-affezzjoni u intimita' li wiehed jistenna bejn namrati partikolarment fis-snin ta' l-gherusija."[4]

Minn naha taghha l-konvenuta tikkonferma li kemm hi kif ukoll l-attur kienu dahhlu ghaz-zwieg bl-intenzjoni posittiva li ma jkollhomx tfal fiz-zwieg. Hija tghid li l-attur kien kategorika maghha li ma kienx ried tfal u f' dawk ic-cirkostanzi "qisni accettajt din il-hajja, u ghidna 'all right' bla rbit, bla responsabbiltajiet, nkunu flimkien, happy flimkien bil-kumpanija ta' xulxin."[5] Di fatti tul il-konvivenza matrimonjali kollha huma kienu jiehdu l-prekawzzjonijiet sabiex ma jkollomx tfal fiz-zwieg.

Illi, kif mistenni minn persuni li jidhlu ghaz-zwieg b' disposizzjoni mentali li jeskludi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-konvivenza matrimonjali bejniethom kwazi mill-bidu bdiet, bdiet tixxaqqaq u l-partijiet sabu ruhhom fis-sitwazzjoni li ma setghux jghix aktar flimkien; bir-rizultat li eventwalment wara konvivenza ta' erba snin huma sseparaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa f' dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat li jiddipsoni n-nullita' taz-zwieg "jekk il-kunsens ta xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."

[2] Fol.21
[3] Fol.22
[4] Fol.20
[5] Fol.70

Illi fil-kaz odjerna jirrizulta ampjament provat li, ghalkemm il-partijiet ghaddew esternament minn cerimonja ta' zwieg, huma internament u b' att posittiv tal-volonta' taghhom eskludew fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, li jkollhom tfal fiz-zwieg. Huma ghalhekk eskludew wiehed mill-obbligi matrimonjali essenzjali. Inoltre, l-Qorti thoss li di piu' l-attur jidher li eskluda z-zwieg innifsu.

Hija opportuna l-osservazzjoni li, fil-fehma tal-Qorti, il-partijiet kienu zzewwgu, mhux ghax verament kienu jhobbu lil xulxin, imma semplicement ghax kienu draw lil xuxlin u riedu jikkoabitaw ma' xulxin, xejn izjed u xejn anqas. Ir-rizultat ta' dan kien li huma ma setghux jidraw lil xulxin fil-konvivenza matrimonjali ghax ma kienx hemm l-idea, anzi kienet eskluza a priori l-idea li dawn jibnu familja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, ezistenti fil-konfront taz-zewg partijiet; izda r-responsabbilita' ta' l-attur hija akbar minn dik tal-konvenuta li kienet accettat ix-xewqa ta' l-attur biex jibqghu flimkien.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Lulju 2001. L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-attur, u terz [1/3] mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------